**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/050 |
| **Ilment:** | Akkwist ta' trattament favorevoli fl-allokazzjoni ta' siġġijiet fuq ajruplan f'titjira għall-finijiet ta' btala privata |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 4 ta' Jannar 2023 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 21 ta' Novembru 2023 |

**L-Ilment**

1. Fl-4 ta' Jannar 2023 dan l-Uffiċċju rċieva ilment mingħand il-Prof. Arnold Cassola (l-Ilmentatur) fejn ġie allegat li fis-7 ta' Diċembru 2022, numru ta' passiġġieri fuq ajruplan tal-Air Malta tneħħew mis-siġġijiet li huma kienu bbukkjaw minn qabel sabiex jagħmlu post għas-Segretarju Parlamentari Chris Bonett u l-familja tiegħu, li kienu sejrin għal btala Londra. B'konsegwenza ta' dan, "*inqalgħet kommozzjoni abbord l-ajruplan sakemm il-passiġġieri involuti kellhom iċedu posthom lis-Segretarju Parlamentari u lill-membri tal-familja tiegħu.*" It-titjira telqet nofs siegħa tard.

2. L-Ilmentatur talab li jiġi investigat għalfejn is-Segretarju Parlamentari Chris Bonett u l-membri tal-familja tiegħu ippermettew li tinqala' din is-sitwazzjoni. L-Ilmentatur irrefera għal artiklu f'*The Shift* tad-29 ta' Diċembru 2022 fejn ġie rapportat dan l-inċident.[1]

3. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-Dokument 1.

---

[1] Ara https://theshiftnews.com/2022/12/29/air-malta-passengers-ordered-to-make-way-for-ps-chris-bonett-and-family/.

## Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

4. Dan l-Uffiċċju għandu ġurisdizzjoni fuq l-Onor. Chris Bonett iżda mhux fuq il-membri tal-familja tiegħu. Fir-rigward tal-Onor. Bonett, l-allegazzjonijiet jinkwadraw taħt id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

> *1* […] *il-Ministri għandhom jaġixxu u jġibu ruħhom skont standards tal-ogħla livell kemm fuq bażi personali kemm fil-qadi tad-doveri kostituzzjonali tagħhom.*
>
> *5.1 Sens ta' servizz – il-ġid suprem huwa l-ġid komuni u Ministru m'għandux ikun motivat minn sens ta' gwadann personali, familjari, ta' ħbiebu jew persuni qrib tiegħu, iżda biss minn sens ta' servizz lejn il-komunità inġenerali u l-ġid komuni, għax fuq kollox hu qed jamministra beni pubbliċi f'isem il-pubbliku inġenerali.*

5. Għaldaqstant dan l-Uffiċċju deherlu li kellu jikkunsidra l-ilment, inizjalment permezz ta' indaġni preliminari u aktar tard permezz ta' investigazzjoni formali.

## Proċedura tal-Investigazzjoni

6. Dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Dr Chris Bonett fit-30 ta' Marzu 2023 sabiex jirreferilu l-ilment u jitlob il-veduti tiegħu dwaru.

7. Dr Bonett irrisponda permezz ta' ittra mibgħuta fit-28 ta' April 2023 (annessa ma' dan ir-rapport bħala d-Dokument 2). Huwa ċaħad illi ingħata trattament preferenzjali. Qal li huwa kien ipprenota erba' siġġijiet biex hu, martu u ż-żewġ uliedu jkunu ħdejn xulxin peress li uliedu kienu ta' eta' żgħira, sentejn u tmien snin rispettivament. Madankollu, kif waslu l-ajruport ingħataw boarding passes b'postijiet separati minn xulxin. Għalhekk huwa talab li jingħataw siġġijiet ħdejn xulxin, kif kien ipprenota qabel. B'riżultat ta' dan huwa u l-membri tal-familja tiegħu ingħataw boarding passes ġodda bis-siġġijiet ħdejn xulxin.

8. Dr Bonett qal li hu u l-familja tiegħu kienu l-ewwel nies li telgħu fuq l-ajruplan, u poġġew skont il-boarding passes il-ġodda. Fost il-passiġġieri li telgħu warajhom kien hemm tnejn li ilmentaw li kienu ittiħdulhom is-siġġijiet. Huwa żied jgħid:

[...] *kont jien illi offrejt illi nbiddel is-siġġu tiegħi ma' ħaddieħor sabiex b'hekk il-kommossjoni li qalgħu dawn il-passiġġieri tieqaf minnufih. Fil-fatt hekk għamilt u spiċċajt mort inpoġġi f'siġġu 'l bogħod mill-mara u t-tfal tiegħi.*

*Fl-ebda ħin ma tlabt jew eżerċitajt xi forma ta' pressjoni biex jien jew il-familja tiegħi ningħataw xi trattament preferenzjali għad-detriment ta' passiġġieri oħra. Tlabt biss li ningħata dak li kont ipprenotajt għalih, u xorta waħda, ċedejt is-siġġu tiegħi biex insolvi l-kwistjoni li nqalgħet.*

9. Mal-ittra tiegħu l-Onor. Bonett esebixxa screenshot immarkata Dok. A bħala prova li huwa kien ipprenota postijiet ħdejn xulxin għalih u għall-membri tal-familja tiegħu. Din il-prenotazzjoni kellha l-booking reference GICMHO.

10. Fid-29 ta' April 2023, l-Ilmentatur reġa' kiteb lil dan l-Uffiċċju (Dok. 3) biex jgħid li hu kien ġie informat li fis-sistema tal-Air Malta, ir-rekords dwar passiġġieri jinżammu għal 180 ġurnata u għalhekk ftit kien fadal żmien qabel titħassar l-informazzjoni dwar it-titjira tal-Onor. Bonett.

11. Fl-4 ta' Mejju 2023 dan l-Uffiċċju kiteb liċ-Chairman Eżekuttiv tal-Air Malta u talbu jgħid:

(a) jekk kienx minnu li fl-ajruport ta' Malta, Dr Bonett u l-membri tal-familja tiegħu ingħataw boarding passes b'postijiet li ma kinux ħdejn xulxin, minkejja li hu kien ibbukkja siġġijiet ħdejn xulxin;

(b) fl-affermattiv, x'kienet ir-raġuni għal dan;

(ċ) jekk kienx minnu li sussegwentement Dr Bonett u l-membri tal-familja tiegħu ingħataw boarding passes ġodda b'siġġijiet ħdejn xulxin;

(d) jekk kienx minnu li dawn is-siġġijiet jew uħud minnhom kienu ġew allokati wkoll lil persuni oħra; u

(e) fl-affermattiv, għalfejn ġara dan.

12. Iċ-Chairman Eżekuttiv tal-Air Malta wieġeb permezz ta' ittra datata 19 ta' Mejju 2023 (Dok. 4) u qal li:

(a) Fil-prenotazzjoni oriġinali l-Onor. Bonett ma kienx għażel postijiet ħdejn xulxin, iżda għamel dan fl-4 ta' Diċembru 2022 (tlett ijiem qabel it-titjira) permezz tal-faċilità "Manage my booking" fil-website tal-Air Malta. L-Onor. Bonett għazel erba' postijiet ħdejn xulxin fir-ringiela 8.

(b) Minhabba dak li deher bħala "glitch" teknika fis-sistema tal-online booking, il-postijiet magħżula minn Dr Bonett fl-4 ta' Diċembru 2022 ma ġewx rikonoxxuti fil-prenotazzjoni fizika GICMHO. Din il-glitch issewwiet f'Jannar 2023.

(ċ) L-Onor. Bonett ma għamilx check-in online, kif seta' jagħmel minn 24 siegħa qabel it-tluq. Minflok, meta wasal fis-sala ministerjali tal-ajruport ta' Malta huwa talab lil aġent ta' Air Malta sabiex jagħmel check-in. L-aġent ma kienx jaf li l-Onor. Bonett kien ipprenota postijiet fir-ringiela 8 u assenja postijiet mhux ħdejn xulxin (siġġijiet 5B, 7B, 10E u 14E) lilu u lill-membri tal-familja tiegħu. Inħarġu boarding cards għal dawn is-siġġijiet u ngħataw lir-rappreżentant tal-Onor. Bonett. Ma kienx fadal postijiet ħdejn xulxin għaliex it-titjira kienet ibbukkjata kollha.

(d) Hawnhekk l-Onor. Bonett reġa' avviċina lill-aġent u talab li jiġi assenjat erba' postijiet fl-istess ringiela. L-aġent ċaqlaq erba' passiġġieri li kellhom is-siġġijiet 6B u 6C u 6A u 6D rispettivament (li kienu koppja u żewġ persuni li kienu qegħdin jivvjaġġaw għal rashom) u assenja dawn il-postijiet lil Dr. Bonett peress li kellu miegħu żewġt itfal żgħar.

(e) Għalhekk il-passiġġieri involuti ġew assenjati siġġijiet oħra. Dan it-trasferiment sar evidenti għall-passiggieri biss meta telgħu fuq l-ajruplan u mhux qabel.

13. Fl-20 ta' Settembru 2023, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Bonett biex jagħtih aċċess għall-provi kif kien jitlob l-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u joffrilu l-opportunità li jagħmel sottomissjonijiet finali.

14. L-Onor. Bonett għamel sottomissjonijiet finali permezz ta' ittra datata 12 ta' Ottubru 2023 (Dok. 5). F'din l-ittra l-Onor. Bonett qal fost affarijiet oħra li m'għamilx check-in online peress li kien diġà pprenota siġġijiet ġranet qabel it-titjira. Għalhekk għażel li jagħmel check-in fiżiku kif kellu kull fakultà li jagħmel. Huwa qal ukoll li fil-ministerial lounge kien akkumpanjat biss mill-mara u t-tfal tiegħu u ma kellu ebda rappreżentant miegħu. Il-boarding cards ingħataw direttament lilu.

15. L-Onor. Bonett żied jgħid li l-aġent tal-Air Malta fl-ebda mument ma informatu li l-prenotazzjonijiet li kien għamel ġranet qabel ma kinux ġew rikonoxxuti. Lanqas ma informatu li s-siġġijiet fuq l-ajruplan kienu ttieħdu kollha u kellha ċċaqlaq passiġġieri oħra biex tosserva l-prenotazzjoni li huwa kien għamel. Wisq inqas ma qaltlu li kienet sejra tqajjem passiġġieri li kienu speċifikament ibbukkjaw is-siġġijiet tagħhom. L-Onor. Bonett qal li kieku kien

jaf dan kollu, kien ifittex li jsiefer fuq titjira oħra jew inkella jikkanċella l-btala u jitlob lill-Air Malta tirrifondilu l-ispejjeż.

16. Fit-3 ta' Novembru 2023 dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lill-Onor. Bonett sabiex jitolbu kopja tal-email li kien irċieva mingħand l-Air Malta bħala konferma tal-prenotazzjoni li huwa kien għamel fl-4 ta' Diċembru 2022.

17. L-Onor. Bonett wieġeb fis-7 ta' Novembru 2023 (Dok. 6). Huwa qal li rċieva erba' emails mingħand l-Air Malta in konnessjoni mat-titjira lejn Londra, iżda meta għażel is-siġġijiet permezz tal-website tal-Air Malta ma rċieva ebda email bħala konferma ta' dan. Minflok, huwa żamm screenshot li diġà ippreżentaha mal-ittra tiegħu tat-28 ta' April 2023 (Dok. A, anness ma' Dok. 2).

18. Mar-risposta tiegħu l-Onor. Bonett bagħat l-erba' emails li huwa qal li rċieva mingħand l-Air Malta. Dawn jirrappreżentaw konferma tal-booking oriġinali tat-titjira da parti tal-Onor. Bonett; żewġ emails li jirriklamaw servizzi oħra ta' Air Malta; u avviż li jista' jsir check-in online. Dawn m'għandhom ebda relevanza għall-każ u għaldaqstant mhux qed jiġu ppubblikati.

**Konsiderazzjonijiet**

19. Il-verżjoni tal-Onor. Bonett tikkoinċidi ma' dak li ddikjara ċ-Chairman Eżekuttiv tal-Air Malta, u ċioè li kien ibbukkja siġġijiet ħdejn xulxin. Wieħed jifhem li kienet tkun irresponsabbiltà li żewġt itfal żgħar jitħallew waħedhom fuq ajruplan.

20. Il-fatt li Dr Bonett insista li jingħata siġġijiet ħdejn xulxin għalih u għall-membri tal-familja tiegħu ma jammontax għal sforz biex jakkwista trattament favorevoli għaliex huwa kien ipprenota dawn is-siġġijiet minn qabel. Kien difett fis-sistema tal-kumpanija li wassal għad-diżgwid illi inqala', u dak li ġara lil Dr. Bonett seta' jiġri lil kulħadd. Jidher li ma kien hemm xejn da parti tiegħu li kkontribwixxa għall-akkadut.

21. Id-Dokument A u l-emails annessi mad-Dokument 6 jindikaw li l-Onor. Bonett ta l-indirizz tal-email uffiċjali tiegħu lill-Air Malta meta bbukkja t-titjira għall-btala. Mhix prattika tajba li kont tal-email uffiċjali jintuża għal skop privat b'dan il-mod. Madankollu, ma jirriżultax li l-użu ta' indirizz uffiċjali tal-email wassal biex tiġi eżerċitata xi forma ta' pressjoni mhux xierqa. Naturalment kien ikun differenti kieku ntuża kont tal-email privat għal komunikazzjonijiet uffiċjali.

## Konklużjonijiet

22. Għaldaqstant l-ilment ma jirriżultax fondat u niddikjara l-każ magħluq.

23. Kopji ta' dan ir-rapport qed jintbagħtu lill-Ilmentatur, lis-Segretarju Parlamentari Chris Bonett, u lill-Kumitat tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument 1 | Email tal-4 ta' Jannar 2023 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument 2 | Ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari Chris Bonett datata 28 ta' April 2023<br>*Tinkludi Dok. A – screenshot ta' prenotazzjoni ta' siġġijiet bil-booking reference GICMHO.* |
| Dokument 3 | Email datata 29 ta' April 2023 mingħand il-Prof. Cassola. |
| Dokument 4 | Ittra datata 19 ta' Mejju 2023 mingħand iċ-Chairman Eżekuttiv tal-Air Malta. |
| Dokument 5 | Ittra datata 12 ta' Ottubru 2023 mingħand l-Onor. Chris Bonett. |
| Dokument 6 | Email datata 7 ta' Novembru 2023 mingħand l-Onor. Bonett. |

# DOKUMENT 1

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Investigazzjoni Chris Bonnett Air Malta
**Date:** Wednesday, 4 January 2023 18:02:20

---

Għażiż Direttur Polidano,

Lment ieħor għas-sena l-ġdida.
Imma awguri wkoll lilkom ilkoll għall-2023.

Tislijiet,
Arnold Cassola

Għażiż futur Kummissarju tal-Istandards,

Fis-7 ta' Diċembru 2022, numru ta' passiġġieri kienu ħallsu extra biex ipoġġu f'postijiet partikolari fil-klassi ekonomika tat-titjira KM 116 lejn Londra Gatwick.

Meta kienu ser jitilgħu abbord, uffiċjali tac-Check in tal-Air Malta avżaw lil dawn il-passiġġieri li kienu neħħewhom mill-postijiet "pre-booked" biex jagħmlu post għas-Segretarju Parlamentari Chris Bonett u l-familja li kienu telgħin fuq btala Londra.

B'konsegwenza ta' dan, inqalgħet kommozzjoni abbord l-ajruplan sakemm il-passiġġieri involuti kellhom iċedu posthom lis-Segretarju Parlamentari u lill-membri tal-familja tiegħu.

It-titjira għalhekk telqet nofs siegħa tard.

Nitolbok tinvestiga għala s-Segretarju Parlamentari Bonett u l-membri tal--familja tiegħu ppermettew li jinqala' dana kollu.

Ġaladarba dan kien vjaġġ ta' vaganza għall-familja Bonett u ma kien hemm l-ebda emerġenza, sitwazzjoni ta' mard jew xi każ soċjali, għaliex is-Segretarju Parlamentari u familtu ma qabdux u poġġew f'postijiet liberi u minflok baqgħu jinsistu li jpoġġu f'postjiet ibbukkjati minn ħaddieħor?

Min huwa elett mill-poplu għandu jkun minn tal-ewwel li jagħti l-eżempju.

Mehmuż artiklu minn theshiftnews.

https://theshiftnews.com/2022/12/29/air-malta-passengers-ordered-to-make-way-for-ps-chris-bonett-and-family/

Inselli għalik,
Arnold Cassola

DOKUMENT 2

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJU PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ

Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Il-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

28 ta' April 2023

Sur Kummissarju,

Qiegħed niktiblek b'risposta għall-ilment riċevut mill-uffiċċju tiegħek, liema ilment għandu numru ta' referenza 138, dwar allegat trattament preferenzjali għalija u għall-familja tiegħi waqt btala personali.

Bejn is-7 ta' Diċembru, 2022 u t-12 ta' Diċembru, 2022, jien kont qiegħed fuq btala privata ġewwa Londra flimkien ma' marti u maż-żewġ uliedi, wieħed ta' sentejn u ieħor ta' tmien snin rispettivament.

Hekk kif evidenzjat mid-dokument li qed jiġi anness u mmarkat bħala **Dok. A**, ftit jiem qabel l-imsemmija titjira, jien kont pprenotajt wkoll is-siġġijiet, sabiex b'hekk il-membri tal-familja kollha jpoġġu ħdejn xulxin.

Kif wasalna l-ajruport, il-persuna tal-kumpanija Airmalta, tatna boarding passes b'postijiet sparsi madwar l-ajrupan. Hemmhekk tlabt li ningħataw boarding passes b'siġġijiet ħdejn xulxin, kif kont effettivament ibbukkjajt minn qabel.

Dik hija l-unika darba li għamilt xi forma ta' talba, u t-talba min-naħa tiegħi mal-uffiċjal tal-Airmalta kienet biss illi ningħataw boarding passes bis-siġġijiet ħdejn xulxin, kif kont ipprenotajt, sabiex npoġġu fuq l-ajruplan bħala familja.

33, House of Catalunya, Marsamxett Road, Valletta
**T** +356 2295 7501 **E** chris.bonett@gov.mt

**www.eufunds.gov.mt**

U dana ukoll għaliex huwa ukoll inkonsapevoli li tfal minuri ta' sentejn u ta' tmien snin jiġu allokati siġġijiet illi ma jkunux ħdejn il-ġenituri tagħhom, u dan għall-kuntrarju ta' dak gia' pprenotat.

Fil-fatt, kien hemmhekk li l-persuna responsabbli tal-Airmalta tatni boarding passes oħra, din id-darba bis-siġġijiet ħdejn xulxin. Dan kollu ġara qabel ma tlajna fuq l-ajruplan. Imbgħad, peress li konna l-ewwel nies abbord l-ajruplan, poġġejna hekk kif indikat fl-istess boarding passes.

Addirittura, qabel beda il-vjaġġ, hekk kif bdew jitilgħu l-kumplament tal-passiġġieri u ġejt a konoxxenza tal-ilmenti ta' żewġ passiġġieri oħra, li allegaw li aħna konna qed nokkupaw is-siġġijiet tagħhom, kont jien illi offrejt illi nbiddel is-siġġu tiegħi ma' ħaddieħor sabiex b'hekk il-kommossjoni li qalgħu dawn il-passiġġieri tieqaf minnufih. Fil-fatt hekk għamilt u spiċċajt mort inpoġġi f'siġġu 'l bogħod mill-mara u t-tfal tiegħi.

Fl-ebda ħin ma eżerċitajt tlabt jew eżerċitajt xi forma ta' pressjoni biex jien jew il-familja tiegħi ningħataw xi trattament preferenzjali għad-detriment ta' passiġġieri oħra. Tlabt biss li ningħata dak li kont ipprenotajt għalih, u xorta waħda, ċedejt is-siġġu tiegħi biex insolvi l-kwistjoni li inqalgħet.

Dan żgur mhuwiex xi forma ta' pretensjoni ta' trattament preferenzjali jew xi turija ta' mġieba mhux etika min-naħa tiegħi hekk kif allegat mill-ilment riċevut mill-uffiċċju tiegħek.

Xhieda ta' dan, u tal-imġieba tiegħi u tal-familja tiegħi, kif ukoll taż-żewġ passiġġieri li qajmu l-kommossjoni, hemm diversi persuni illi kienu abbord l-imsemmija titjira li faċilment jistgħu jikkonfermaw dawn il-fatti.

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJU PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ

Għaldaqstant kwalunkwe allegazzjoni ta' xi talba, insistenza jew xi forma ta' pressjoni da parte tiegħi li passiġġieri oħra fuq ajruplan jiġu allokati siġġijiet oħrajn qed tiġi kategorikament respinta.

Għoddni tiegħek,

Chris Bonett

Dok A

# Your trip to London is confirmed

Booking reference

# GICMHO

**Malta (MLA) - London (LGW)**

Wed, 7 Dec 2022 – Mon, 12 Dec 20:

Please ensure that you have che
relevant authorities that you are
possession of the right travel anc
documents. Missing documentat
result in immediate departure at
expense.

Your extras have been successfu
purchased.

## FLIGHTS

Go Flex
4
Dec

**Malta - London**
Wed, 7th Dec 2022
08:35 - 10:55

Go Flex
4
Dec

**London - Malta**
Mon, 12th Dec 2022
11:55 - 16:05

## EXTRAS

Modify

### Malta - London

| | |
|---|---|
| Mr Christian Paul Bonett | 8C, Carry-on, 1 x 23 kg (inc... |
| Mrs [redacted] Bonett | 8D, Carry-on, 1 x 23 kg (includ... |
| Mstr [redacted] Bonett | 8E, Carry-on, 1 x 23 kg (include... |
| Mstr [redacted] Bonett | 8F, Carry-on, 1 x 23 kg (include... |

### London - Malta

| | |
|---|---|
| Mr Christian Paul Bonett | 8C, Carry-on, 1 x 23 kg (inc... |
| Mrs [redacted] Bonett | 8F, Carry-on, 1 x 23 kg (includ... |
| Mstr [redacted] Bonett | 8E, Carry-on, 1 x 23 kg (include... |
| Mstr [redacted] Bonett | 8D, Carry-on, 1 x 23 kg (include... |

## PASSENGERS

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mr Christian Paul Bonett | Mrs [redacted] Bonett | Mstr [redacted] Bonett | Mstr [redacted] Bonett |

## CONTACT DETAILS

| | |
|---|---|
| EMAIL | chris.bonett@gov.mt |
| PHONE | (356) [redacted] |

## PAYMENT SUMMARY

## DOCUMENT SUMMARY

DOKUMENT 3

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Ghall-Kummissarju tal-istandards - kaz Ministru Bonnet, Air Malta
**Date:** Saturday, 29 April 2023 14:59:38

---

Ghaziz Kummissarju Azzopardi,

Ghadni kemm gejt informat mill-informanti tieghi li:

"the system used by Air Malta Sabre will keep in the system for up to 180 days from the last active segment of the itinerary".

Dan ifisser li kulma fadal xi gimgha jew tnejn qabel is-sistema tal-Air Malta thassar l-informazzjoni fuq is-sistema tal-Air Malta dwar il-flight tal-On Bonett.

Nittama li l-Air Malta, li ga rrifjutat FOI fuq dan il-misteru dwar dan il-flight, mhux qed tilghab il-loghba li ttawwal mieghek biex imbaghad jghidulek "info cannot be retrieved from the system".

Nirringrazzjak u nselli ghalik.

Arnold Cassola

DOKUMENT 4

airmalta

Air Malta p.l.c. (C2685)
Sky Parks Business Centre, Level 2
Malta International Airport
Luqa – LQA 4000
Malta

airmalta.com

19 ta' Mejju 2023

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kumissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Il-Belt Valletta VLT1210

Bl-emajl fuq: office@standardscommisisoner.com

Sur Kummissarju,

**Re: Inċident f'Diċembru 2022 li kien jinvolvi lis-Segretarju Parlamentari Chris Bonett**

B' referenza għall-ittra tiegħek 4 ta' Mejju 2023 nixtieq ninfurmak kif ġej:

1. Fil-prenotazzjoni oriġinali li is-Sur Bonett kien għamel f'Settembru 2022 hu ma kienx għażel postijiet ħdejn xulxin.

2. Fl-4 ta' Diċembru 2022 (tlett ijiem qabel id-data tat-tluq) is-Sur Bonett, daħal fil-faċilita "Manage My Booking" fuq il-Websajt tal-Air Malta u għażel erba' postijiet ħdejn xulxin fir-Ringiela 8.

3. Minħabba dak li deher bħala "glitch" tekniku fis-sistema tal- "onlajn booking", il-postijiet magħżula ma ġewx rikonoxxuti fil-prenotazzjoni fiżika GICMHO annessa ma' l-ittra tiegħek. Jien ninsab infurmat li "l-glitch" tekniku fis-sistema sussegwentement ġie rranġat f'Jannar 2023.

4. Iċ-check-in onlajn huwa disponibbli minn 24 siegħa qabel it-tluq. Is-Sur Bonett u l-familja ma pparteċipawx fiċ-check-in onlajn u bħala tali ma kien sar l-ebda check-in u lanqas assenjazzjoni ta' postijiet qabel ma is-Sur Bonett u il-familja tiegħu waslu fl-ajruport.

5. Qabel it-tluq, fis-7 ta' Diċembru 2022, ġie mitlub jattendi aġent tal-Ground Handling tal-Air Malta fis-Sala Ministerjali fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Is-Sur Bonett talab lill-Aġent tal-Air Malta biex jagħmel check-in lill-familja tiegħu. It-titjira kienet ibbukkjata sħiħa u f'dan il-punt ma kienx hemm postijiet disponibbli ħdejn xulxin. Għalhekk inħarġu boarding cards għas-seats 5B / 7B / 10E u 14E u ngħataw lura lir-rappreżentant tas-Sur Bonett.

*Air Malta's first flight took off on 1st April 1974. The airline has been instrumental in opening up and connecting Malta to the rest of the world, diversifying and presenting new tourism market opportunities to and from the islands.*

*The airline of the Maltese Islands*

6. Peres li l-erba' postijiet fir-Ringiela 8 magħżula mis-Sur Bonett permezz ta' "Manage My Booking" fl-4 ta' Diċembru 2022 ma ġewx rikonoxxuti fil-prenotazzjoni fiżika li is- Sur Bonett għamel onlajn, l-aġent tal-Ground Handling ma kellu ebda mod li jkun jaf li il-postijiet fir-ringiela 8 kienu fill-fatt intgħażlu mis-Sur Bonett fl-4 ta' Diċembru 2022.

7. Ftit wara, is-Sur Bonett reġa' avviċina lill-Ground Handling Agent, u talab biex jiġu pprovduti erba' postijiet kollha fl-istess ringiela. Minħabba li is-Sur Bonett kellu miegħu żewġt itfal, ta' 2 u 8 snin, il-Ground Handling Agent fl-aħħar ipproċeda biex iċċaqlaq erba' passiġġieri (koppja bilqiegħda f'6B u 6C u żewġ individwi f'6A u 6D) u pprovda lis-Sur Bonett u lill-familja tiegħu b' erba' postijiet ħdejn xulxin fir-ringiela 6 iġiefieri 6A/B/C/D.

8. L-erba' passġġieri li qabel kienu fil-postijiet 6A/B/C/D kienu ħallsu aktar biex għażlu dawk il-postijiet u biex ikunu kollha fl-istess ringiela. Il-koppja li kienet xtrat il-postijiet 6B/C ġew assenjati il-postijiet 5B u 7B; il-passiġġier li kien fil-post 6A ġie trasferit għall-post 14E u l-passiġġier li kien fil-post 6D ġie trasferit għall-post 10E. Dawn it-trasferimenti ta' postijiet saru evidenti biss għall-erba' passiġġieri affettwati meta telgħu fuq l-ajruplan u mhux qabel.

9. Jien ninsab infurmat li "l-glitch" tekniku fis-sistema sussegwentement ġie rranġat f'Jannar 2023 u ghalhekk sitwazzjonijiet bhal dawn mhux previst li jista' isehhu fil-futur.

Inselli għalik,

**David Curmi**
**Ċermen Eżekuttiv**

DOKUMENT 5

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJU PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ

Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Il-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

12 ta' Ottubru 2023

Sur Kummissarju,

Qiegħed niktiblek b'risposta għall-ilment riċevut mill-uffiċċju tiegħek, liema ilment għandu numru ta' referenza 138, dwar allegat trattament preferenzjali għalija u għall-familja tiegħi waqt btala personali.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat bħala risposta għall-provi illi ġew miġbura mill-uffiċċju tiegħek ai fini ta' din l-investigazzjoni.

Senjatament, referenza qiegħda ssir għall-ittra mibgħuta miċ-ċermen eżekuttiv tal-Air Malta.

Kif qed jiġi effettivament ikkonfermat mill-Air Malta stess, tlett ijiem qabel id-data tat-titjira, jiena kont prenotajt is-siġġijiet tal-erba' membri tal-familja illi konna sejrin insiefru, u ċioè tiegħi, ta' marti u taż-żewġ uliedi (wieħed ta' sentejn u ieħor ta' tmien snin), ħdejn xulxin. Fatt illi effettivament qiegħed jiġi rikonoxxut ukoll miċ-ċermen eżekuttiv tal-Air Malta.

Peress illi kelli rasi mistrieħa illi s-siġġijiet illi kont għażilt jien ġranet qabel it-titjira kienu prenotati, għażilt illi bħala familja ma nagħmlux *check-in* onlajn, iżda li c-*check-in* isir fiżikament ftit sigħat qabel it-titjira, kif effettivament kelna kull fakoltà li nagħmlu.

Huwa fatt raġunat illi ġialadarba s-sistema onlajn tal-kumpanija Air Malta ippermettietli nagħżel is-siġġijiet illi xtaqt jien jiem qabel din it-titjira, tali prenotazzjoni kellha tiġi osservata u ma tippermettiex lil terzi jipprenotaw l-istess siġġijiet, hekk kif inhu raġonat li maċ-*check in,* irrispettivament jekk dan isir b'mod virtwali u/jew fiżiku minn ġewwa l-ajruport, tali prenotazzjoni tas-siġġijiet tiġi osservata. Filfatt, sa dan il-ħin ma seħħ xejn mhux tas-soltu, u ma kelli l-ebda idea li hemm problema fis-sistema tal-informatika tal-Air Malta.

Bħala parti mis-servizz illi wieħed jingħata minn ġewwa l-'*Minisiterial Lounge',* ikun hemm is-servizz ta' *ground handling agent.* Fil-fatt ma kelli l-ebda ħtieġa illi la nitlob illi jattendi aġent u wisq anqas illi jsirli iċ-*check in* peress li kif jiena u l-familja tiegħi

dħalna ġewwa din is-sala, ġejt avviċinat mill-aġent tal-Air Malta fejn staqsietni jekk xtaqtx illi jsirli ċ-*check in* u fil-fatt hekk sar.

Għalkemm huwa ikkonfermat illi f'dak il-mument, is-siġġijiet illi ġew assenjati għalija u għall-familja tiegħi kenu dawk indikati mill-Air Malta, madanakollu kuntrarjament għal dak indikat mill-Air Malta, tali boarding cards ngħataw dirett lili u mhux lir-rapprezentant tiegħi. Fil-*Ministerial Lounge,* ma kellhiex rappreżentanti, imma konna biss jiena, marti u ż-żewġ uliedi.

Kien propju f'dan il-mument illi min-naħa tiegħi infurmajt lill-agenta illi s-siġġijiet indikati fil-*boarding passes* ma kienux jaqblu mas-siġġijiet illi kont prenotajt jien ġranet qabel it-titjira, għax jiena kont ħadt ħsieb illi billi għandi żewġt itfal żgħar, nipprenota siġġijiet ħdejn xulxin, mentri l-*boarding passes* hawn kienu qed juru siġġijiet sparpaljati.

Fil-fatt, kif inhu evidenti mis-sit elettroniku stess tal-kumpanija tal-ajru Air Malta, hemm proċedura speċifika illi tapplika għal tfal bejn l-eta' ta' 7 snin u 11-il sena meta ma jkunux akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom waqt it-titjira fil-waqt li tfal taħt din l-età ma jistgħux isiefru mhux akkumpanjati.[1]

Hekk kif infurmajt lill-aġenta b'dan, hija infurmatni illi kienet sejra tirratifika s-sitwazzjoni u fil-fatt rritornat lura b'erba' *boarding cards* ġodda b'siġġijiet ħdejn xulxin. Filfatt, jekk wieħed jara l-ittra taċ-ċermen eżekuttiv tal-Air Malta, juri illi l-addetta tal-Air Malta stess qieset li la kelli t-tfal, ġustament kellha tinstab soluzzjoni. Naturalment, jiena ma kellix idea x'kienet is-soluzzjoni li kellha f'moħħha, u lanqas indħaltilha f'xogħlha.

Tajjeb li ngħid li din l-aġenta fl-ebda mument ma infurmatni illi l-prenotazzjoni tas-siġġijiet illi kont għamilt ġranet qabel ma kienetx rikonoxxuta, lanqas ma nfurmatni illi t-titjira kienet mimlija u li kellha ċċaqlaq passiġġieri oħrajn biex tiġi osservata l-prenotazzjoni illi kont għamilt jien fl-4 ta' Diċembru, 2022 u wisq anqas ma qaltli li l-passiġġieri illi kienet sejra tqajjem kienu passiġġieri illi speċifikament għazlu dawk is-siġġijiet illi ngħatajna aħna. Kieku l-aġenta nfurmatni b'dan kollu, kieku ma kontx naċċetta illi jsir dan u kont infittex li nsiefer fuq titjira oħra u/jew nikkanċella din is-safra u nitlob lill-kumpanija Air Malta tirrifondini l-ispejjeż kollha illi kont għamilt.

Jiena sirt naf b'dan kollu hekk kif il-passiġġieri l-oħra bdew telgħin fuq l-ajruplan, fejn qaluli li mac-*check in desk* kienu nfurmawhom illi kellhom ibidlulhom is-siġġijiet. Tajjeb li ngħid li lili u t-tfal lanqas biss poġġewni fis-siġġijiet li kont ibbukjajt jiena, imma f'oħrajn ġodda. Filfatt hekk kif sirt naf b'dan kont jien illi offrejt illi nbiddel is-siġġu li tawni ma' ħaddieħor, u mmur npoġġi x'imkien waħda (u l-mara tibqa' mat-

[1] https://airmalta.com/en/services/young-travellers/unaccompanied-minors

tfal) u fil-fatt hekk ġara u mort npoġġi wara għaliex jien ma kontx sejjer naċċetta qatt illi jbati ħaddieħor biex niġi aġevolat jien. Finalment, titjira tgħaddi, imma t-tfal diffiċli tikkontrollahom tul titjira ta' aktar minn tliet sigħat anke b'ġenitur ħdejhom, aħseb u ara jekk ikunu kompletament sparpaljati, maġenb nies ma jafux. Ngħid illi mhux talli ma kellix sehem f'dak li seħħ, talli dak il-ħin kont konfuż u ma stajtx nifhem x'seħħ u għalxiex ġraw hekk dawn l-affarijiet. Nifhem li kien hemm problema fis-sistema tal-Air Malta li qalgħet dan kollu, u liema problema jiena kont vittma tagħha, kif kien ħaddieħor. Li nista' ngħid biċ-ċert li ma pretendejt l-ebda trattament preferenzjali, tant filfatt per eżempju illi malli rajt il-konfużjoni, qbadt u mort poġġejt waħdi, u ħallejt lill-mara tiegħi mat-tfal.

Għaldaqstant kwalunkwe allegazzjoni ta' xi insistinza da parte tiegħi li passiġġieri oħra fuq l-ajruplan jiġu allokati siġġijiet oħrajn hija allegazzjoni inveritiera, u filfatt, din hija konfermata mill-istqarrija tal-kap eżekuttiv tal-Air Malta, li mkien ma jgħid li jien tlabt biex jitqajjem ħaddieħor biex nitpoġġa floku jiena. Bl-ebda mod qatt ma iċċitajt il-posizzjoni tiegħi biex nieħu li rrid u bl-ebda mod qatt ma pretendejt li niġi trattat aktar minn ħaddieħor – filfatt, fl-istqarrija taċ-ċermen eżekuttiv tal-Air Malta ma hemm l-ebda allegazzjoni ta' din ix-xorta.

Konsegwentament, kif jirriżulta mill-provi miġbura mill-uffiċċju tiegħek, jiena kulma għamilt kont illi **insistejt illi ningħata siġġijiet ħdejn xulxin, hekk kif jien stess kont pprenotajt ġranet qabel it-titjira u fl-ebda mument ma tlabt trattament preferenzjali a skapitu ta' ħaddieħor. Dan huwa aġir li ma jiena lest qatt illi nagħmlu.**

Jekk kien hemm xi nuqqas f'dan kollu, tali nuqqasijiet, kif effettivament jikkonferma ċ-Ċermen Eżekuttiv David Curmi, dan in-nuqqas għandu jiġi attribwiet lill-Air Malta illi kellha *glitch* fis-sistema tagħha u li effettivament rranġat xahar wara din l-okkazzjoni magħdud man-nuqqas li l-agent tal-istess kumpannija tal-ajru naqset milli tinformani b'dan l-istess *glitch* u li kellha tqajjem passiġġieri oħra sabiex npoġġu jiena u l-familja tiegħi. Kieku jiena kont infurmat b'dan, dan l-ilment ma kien isir qatt.

Għoddni tiegħek,

Chris Bonett

DOKUMENT 6

**From:** Bonett Chris at MEFL
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Bonett Chris at MEFL
**Subject:** RE: Każ K/050
**Date:** Tuesday, 7 November 2023 17:49:44
**Attachments:** image004.png
AirMalta booking confirmation.msg
 Its (almost) time to travel to London Get Upgraded Now.msg
Have you checked in yet Your flight KM116 to London is leaving in 24 hours..msg
Your flight to London is coming up in 8 days.msg

---

Għażiż Kummissarju,

B'referenza għall-ittra tiegħek tat-3 ta' Novembru 2023, qed hawn nannetilek erba' emails datati 16 ta' Settembru, 29 ta' Settembru, 4 ta' Diċembru u 6 ta' Diċembru 2022, rispettivament li huma l-emails kollha li rċevejt mingħand l-Airmalta in relazzjoni għas-safra in kwistjoni.

Meta għażilt is-seats fuq il-websajt tal-Air Malta, ma rċevejt l-ebda email. Kont ħadt screenshot, li kopja tiegħu diġà preżentajtu mar-risposta tiegħi.

Nirringrazzjak tal-attenzjoni.

Inselli għalik


Chris Bonett
Parliamentary Secretary
Parliamentary Secretariat European Funds

**t** +356 **e** chris.bonett@gov.mt
www.economy.gov.mt | www.publicservice.gov mt |
fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR THE ECONOMY,
EUROPEAN FUNDS AND LANDS

33, HOUSE OF CATALUNYA, TRIQ MARSAMXETT,
VALLETTA, MALTA



*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*


---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Friday, November 3, 2023 10:48 AM
**To:** Bonett Chris at MEFL <chris.bonett@gov.mt>
**Subject:** Każ K/050


CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.


Onor Chris Bonett
Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Charles Polidano
Direttur Ġenerali


**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com